Il-Bord ta' L-Appelli Dwar It-Turizmu

Anthony Borg fir-rigward ta' "The Plush Wine Bar"

vs

L-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta

(Kaz numru 54 ta' l-2011)

19 ta' Jannar 2012

Il-Bord:-

Ra l-appell ta' l-appellant rigward id-decizjoni ta' l-Awtorita Tat-Turizmu ta' Malta ("L-Awtorita") tal-21 ta' Marzu 2011 li permezz taghha l-Awtorita ordnat lill-Anthony Borg sabiex iwaqqaf il-kontravenzjonijiet tal-Ligi u jirregola l-posizzjoni tieghu fi zmien hamest ijiem mid-data ta' L-Ordni tat-Tnehhija peress illi fil-5 ta' Marzu 2011 huwa opera jew ippermetta l-operazzjoni tal-Plush Wine Bar fi Triq Dragonara, St Julians numru ta' licenzja BAR/0383 bi (i) ksur ta' l-artikolu 43(1) (b) ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta); (ii) bi ksur tar-regolament 3(1) u 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15 tal-2005; (iii) bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja mahruga mill-Awtorita peress li gew ipprovduti facilitajiet ghaż-zfin bhala skop primarju meta dan ma kienx kopert bil-licenzja; u (iv) bi ksur tar-regolament 12(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 ta' l-2002 peress li naqas li jinforma lill-Awtorita bit-tibdil fl-attivita turistika minn bar ghal diskoteka;

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet;

Ra l-provi kollha mressqa mill-partijiet inkluza kopja tal-licenzja BAR/0383, u *marketing material* pprovdut mill-appellant rigward il-lok Plush Wine Bar u l-iSky Club, post ta' divertiment iehor operat mill-istess nies;

Sema' lix-xhieda kollha imressqa mill-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidra;

L-appellant jikkontesta illi kien hemm xi ksur tal-ligijiet citati fl-ittra ta' l-Awtorita tal-21 ta' Marzu 2011 u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

i. Id-decizjoni hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet arbitraji u mhux korretti;

ii. Dan jirrizulta ampjament meta wiehed iqis l-istruttura tal-fond u l-mod kif inhu mqassam u fuq kollox il-mod ta' kif jigi operat illi jwassal ghall-konkluzjoni li l-iskop primarju tal-gestjoni huwa dak ta' bar fejn id-daqq ta' muzika amplifikata, maghmul in forza ta' permess mahrug mill-istess Awtorita, huwa biss xi haga sekondarja;

iii. Ma kienux jeziztu ragunijiet sabiex jinhareg l-avviz.

Mix-xhieda ta' Michelle Camilleri prodotta mill-appellant irrizulta li hija tahdem bhala *quality assurance executive* ma' l-Awtorita. Fil-5 ta' Marzu 2011 hija ghamlet spezzjoni fl-istabbiliment *the Plush Wine Bar* flimkien mas-Sur Andre Zammit li jigi rank fuqha. Hija kkonfermat illi fl-istess gurnata li saret spezzjoni fil-Plush, hija kienet ghamlet spezzjonijiet ohra fl-lokalitajiet ohra. Hija spjegat lill-Bord fejn jinsab il-Plush Wine Bar. Qalet illi x'hin tidhol fl-istabbiliment issib bar twil u ssib ukoll kuritur. Fil-kuritur hemm bieb li kien maghluq. Sabiex tkompli miexi fil-*Plush Wine Bar* u tidhol fil-*VIP Lounge* huma kellhom johorgu barra u jidhlu minn bieb iehor. Hija qalet illi il-*Plush Wine Bar* u l-*VIP Lounge* huma stabbiliment wiehed u li fil-fatt hemm licenzja wahda ghal dan l-istabbiliment kollu. Hija qalet illi x'hin tidhol issib bar twil tul il-kuritur kollu; dak in-nhar li marret hi ma kienx hemm siggijiet jew imwejjed hlief ghal xi erba' bar stools b'kollox. Hija qalet illi x'hin tidhol fil-lok faccata tal-bar kien hemm *DJ stand*. Qalet illi l-art tal-lok kien l-istess bhal fin-naha tal-bar, li kien hemm xi *speakers* hdejn id-*DJ stand* u fuq naha wahda tal-bar. Fil-*VIP lounge* hija qalet li kien hemm 2 DJ's u zewg *DJ stands*. Kien hemm bar ukoll f'dik l-imsejha *Purple Room* u li kien hemm in-nies jizfnu f'din il-kamra u fil-fatt il-muzika li kienet qed tintlaghab hemmhekk kienet differenti mill-muzika li kienet qed tintlaghab x'hin tidhol fil-lok mill-faccata. Qalet li f'din il-kamra kien hemm *three seater sofa* u li id-dawl kien kulur *purple*. Kien hemm *mirror* jew *disco ball*. L-effet tad-dawl kien biss mill-*mirror ball*. Kien hemm *speakers* ma genb id-DJ stand. Kien hemm ukoll xi banketti b'kuluri differenti. Qalet illi kien hemm xi 80 ruh jizfnu f'din il-kamra filwaqt li b'kollox forsi kien hemm 300 ruh fl-istabbiliment. Qalet ukoll li wiehed ma kellux ghalfejn ihallas sabiex jidhol. Qalet illi s-sur Borg ma kienx prezenti meta saret l-ispezzjoni, u li fil-fatt dak in-nhar kienu kellmu li Mario Azzopardi.

Sema lill-Avukat Joseph Giglio illi xehed dwar il-laqgha li saret ma' l-Ufficjali ta' l-Awtorita sabiex tinstab soluzzjoni ghal dan l-appell. Huwa qal illi l-Awtorita kienet sabet diffikulta b'dik li f'dan l-appell qed tissejjah bhala l-*purple room* u mhix bil-kumplament ta' l-istabbiliment. Huwa kompla biex jiddeskriva l-istabbiliment. Qal illi hemm xi 5 entraturi ghal dan il-bar. Kif tidhol min-naha tal-faccata tal-*Burger King*, hemm bar twil u ma gengu hemm banketti u faccata tieghu hemm banketti u mwejjed. Hemm ukoll *DJ stand* faccata ta' naha tal-bar. Qal illi hekk kif timxi mal-kuritur, titla xi ftit tarag

iehor u hemm bar iehor li faccata tieghu hemm xi mwejjed u siggijiet. F'din il-parti hemm *DJ stand ohra* u bieb li jaghti ghall-*purple room*. Huwa qal illi f'din il-kamra kien hemm bar, sufanijiet, siggijiet u mwejjed, kien hemm ukoll dawl permezz ta' *laser effects*, u kien difficli jaccetta kif l-Awtorita setghet qatt tghid li din il-kamra kienet qed tintuza bhala diskoteka u mhix bar. Qal ukoll izda li ma kien hemm ebda oggezzjoni li jitpoggew aktar banketti f'din il-kamra. Xehed illi wara il-laqgha li kellu ma' l-Awtorita huwa rega mar fl-istabbiliment diversi drabi. Ikkonferma li f'dawn l-okkazzjoni kien hemm id-DJ's u nies bil-wieqfa jixorbu u li xi uhud minnhom kienu ukoll qed jizfnu b'tazza f'idejhom. Qal li kien hemm hafna banketti wkoll. Qal illi l-*purple room* tokkupa biss parti zghira mill-istabbiliment kollu, u li ma kienx hemm access separat sabiex tidhol fil-*purple room*. Izda kien hemm access separat ghal din il-kamra u l-parti li taghmel maghha li twassal sal-bieb li l-ufficjali ta' l-Awtorita qalu kien maghluq meta marru huma. Qal ukoll illi f'din il-kamra b'differenza ghall-kumplament ta' l-istabbiliment hemm *laser light*. Huwa qal li ghalih l-istabbiliment huwa wiehed u li kienu l-ufficjali ta' l-Awtorita li ghamlu distinzjoni bejn il-*purple room* u il-kumplament ta' l-istabbiliment, u li meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni id-dawl id-disinn u l-proporzjonalita tal-lok in kwistjoni wiehed ma seta' qatt jghid illi dan kien qed jopera bhala diskoteka.

Xehed is-Sur Joseph Zammit prodott mill-appellant. Is-Sur Zammit xehed illi hemm bar prominenti kif wiehed jidhol fl-istabbiliment u dan huwa bi skop illi jhajjar in-nies jixtru x'jixorbu. Ta importanza lill-posizzjoni tal-bar li jinsab hekk kif wiehed jidhol mill-bieb u li fil-fatt l-istabbiliment kien kih 5 bibien, kif ukoll il-facilita li biha seta' jiccaqalqu n-nies meta jkunu fl-istabbiliment. Dan ghaliex l-entraturi jservu sabiex jirriduci l-kongestjoni tan-nies u jiffacilitaw id-dhul u l-hrug tan-nies fl-istabbiliment. Huwa qal illi hemm banketti ma tul il-bar kollu u mwejjed gholjien ftit iktar il-boghod, li dawn jghinu sabiex ma jkunx hemm kongestjoni ma genb il-bar. Huwa qal illi l-*purple room* maghmula bl-istess kuncett fejn hemm bar, banketti u mwejjed gholjien. Qal illi s-sufanijiet li qabel kienu jaghmlu parti minn din il-kamra issa tnehhew. Qal illi m'hemmx *dance floor* f'din il-kamra. Is-Sur Zammit qal li huma jiggestixxu ukoll diskoteka li hija l-iSkyroom u li jhallsu l-istess flus ghall-licenzja. Qal illi l-promozzjoni li ssir fir-rigward tat-tnejn hija komplutament differenti. Qal illi huwa jippromwovu l-*Plush Wine Bar* billi jipprovaw imexxu x-xorb u dan l-aktar li jsir permezz ta' *tv screen* kbir li hemm inti u diehel fl-istabbiliment. Qal illi l-lok kien fih tlitt *DJ stands*, illi dawn kienu f'post fejn ma jiddominawx l-istabbiliment u fejn ihallu spazju ghall-ambjent socjali. Qal illi peress li l-post huwa kbir ikun hemm it-tlieta jdoqqu u li dawn idoqqu musika differenti. In kontro-ezami s-sur Zammit qal illi d-DJ's idoqqu musika differenti u jdoqqu din skond in-nies li jkun hemm madwarhom, qal ukoll illi il-musika li tindaqq, tindaqqq sabiex tigbed nies ta' eta differenti. Qal ukoll illi d-DJ's fil-fatt

ma tantx jitkellmu waqt id-daqq tal-musika u dan ghaliex ma kienx il-funzjoni taghhom li jigbdu n-nies bhal ma kien il-kaz fil-kaz ta' l-i*Sky Discotheque*. Huwa qal illi fil-fatt id-DJ's t'hemm mhumiex nies maghrufa. Id-Dj's tal-*Plush* fil-fatt kienu impjegati tal-*Plush* li jahdmu fuq *roster* bhal *barmen*, filwaqt illi fl-iSky Diskoteka kien imexxu DJ's ta' certu reputazzjoni. Huwa qal kif l-i*Sky Discotheque* l-ambjent huwa totalment differenti ghaliex l-accenn hemmhekk huwa fuq diskoteka, filwaqt li fil-Plush Wine Bar l-accenn huwa fuq l-element ta' bar. Is-Sur Zammit qal illi fil-*Purple Room* kollox kien isir bl-istess mod bhal fil-kmamar l-ohra, u x-xorb hemmhekk kien ukoll l-istess. Huwa qal illi l-kamra hadet dak l-isem ghaliex semplicement hija misbuha dak il-kulur. Qal illi l-kamra b'kollox fiha daqs wiehed minn ghaxra tal-post kollu.

Qal illi fil-Plush b'kollox hemm xi mitt *ice bucket* ghaliex hemmhekk jinbieghu hafna spirti. Qal ukoll illi l-kwalita tax-xorb fil-Plush ikun aqwa mill dak fl-iSky ghaliex il-Plush in-nies imorru sabiex jixorbu u jitolbu drinks partikolari, mentri dan mhuwiex l-istess fl-iSky fejn in-nies ikunu hallsu sabiex jidhlu u ghaldaqstant ma jkunux iridu jonfqu hafna aktar flus fix-xorb.

Qal illi jkun hemm nies jizfnu fil-*purple room* u li hadd ma jwaqqafhom. Qal illi huwa possibbli li jcaccalqu l-banketti u l-imwejjed li hemm vicin tal-bar.

Sema lis-Sur Andre Zammit prodott mill-Awtorita li qal illi hemm bieb li jaqsam il-bar tal-*Plush Wine Bar* fi tnejn li kien maghluq meta sar l-access minnhom li li fil-fatt tas-*security* kien gwida lill-ufficjali ta' l-Awtorita sabiex johorgu barra u jghaddu minn bieb iehor sabiex jidhlu fil-kumplament ta' l-istabbiliment. Qal li t-tieni parti ta' l-istabbiliment kopert bl-istess licenzja ta' l-ewwel parti. Qal illi ukoll li kieku z-zewg postijiet ma kienux jinfdu ma kienx hemm bzonn li t-tieni parti jkollha licenzja ghaliex dawn kienu jgawdu minn terrazzin estern bejniethom u ghaldaqstant licenzja wahda setghet issevi ghaz-zewg postijiet. Is-Sur Zammit qal illi l-bieb li jissepara il-kuritur kien maghluq u ma kienx hemm access minn parti tal-kuritur ghall-parti l-ohra.

Sar access fuq il-post fl-14 ta' Novembru 2011.

Ikkunsidra ulterjorment:

L-Ordni ta' l-Infurzar tal-21 ta' Marzu 2011 mahruga mill-Awtorita tallega ksur ta' l-artikolu 43 (1)(b) ta' l-Att Dwar Servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta), ksur tar-regolamenti 3(1) u 16 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 409.15 tal-2005, ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja peress li gew ipprovduti facilitajiet ghaz-zfin bhala skop primarju meta dan ma kienx

kopert bill-licenzja, u ksur tar-regolament 12(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 ta' l-2002.

L-artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:-

"Kull min … meta jkollu licenzja, jonqos li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenza, … ikun hati ta' reat u ghandu meta jinsab hati jehel multa ta' mhix anqas minn …"

Ir-regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 409.15 tal-2005 jghid li bar huwa:-

"stabiliment li jipprovdi l-ikel accessibbli ghall-pubbliku u li jipprovdi facilitajiet li toqghod bil-qeghda, li jkollu bhala skop primarju l-bejgh ta' l-alkohol u xorb mhix alkoliku li jigi kkunsmat fil-post imma jeskludi l-offerta ta' ikel bil-hlas, skond *standards* kif jidhru fir-Raba' Skeda;

u diskoteka jfisser

"stabbiliment accessibbli ghall-pubbliku li jkollu bhala skop primarju li jipprovdi facilitajiet ghaz-zfin kif ukoll id-daqq ta' musika amplifikata jew live, skond *standards* kif imnizzla fil-Hames Skeda";

Ir-regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 409.15 tal-2005 jghid:-

"Hadd ma jista jopera jew ihalli li jigi operat xi stabbiliment li jipprovdi l-ikel kemm il-darba huwa ma jkunx applika qabel u gab il-licenzja mehtiega mahruga mill-Awtorita".

Ir-regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 409.15 tal-2005 jghid:-

"Il-konformita mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ghandha titqies li tkun kundizzjoni li ghaliha tkun soggetta licenzja biex topera xi stabbiliment li jipprovdi l-ikel, irrispettivament minn jekk tkunx saret xi riferenza ghal dawn ir-regolamenti fil-licenzja nnifisha"

Ir-regolament 12(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 ta' l-2002 jghid:-

"Kull detentur ta' licenzja ta' attivita turistika ghandu jinforma lill-Awtorita minghajr dewmien b'kull tibdil fl-attivita turistika tieghu li jirrizulta, jew li x'aktarx jirrizulta f'tibdil fil-kundizzjonijiet tal-licenzja tieghu".

Jidher li l-artkolu 43(1)(b) ta' l-Att 409 tal-Ligijiet ta' Malta jikkoncerna reati li huma penalizzati b'multi, u li skond l-artikolu 43(4) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta, hija kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati. Ghaldaqstant dan it-tribunal mhix ser jidhol fil-mertu ta' dan l-artikolu.

Ma ngabet ebda prova illi kien qed jigi servut l-ikel fl-istabbiliment u ghaldaqstant jidher li m'hemm ebda ksur tar-regolamenti 3(1) u 16 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 409.15 tal-2005.

Tibqa' ghalhekk l-allegazzjoni tal-ksur tal-licenzja peress illi l-lok in kwistjoni kien allegatament qed jintuza bhala diskoteka u mhix bar, kif fil-fatt licenzjat biex jopera l-*Plush Wine Bar*.

L-appellant jghid illi minn dak li kienet qalet l-Awtorita jidher illi l-problema kienee rigward il-*puple room* u li l-avviz ta' infurzar hareg fil-konfront taghha. Intqal illi fil-fatt wara l-access li sar bejn il-partijiet is-sufanijiet f'dik il-kamra kienu tnehhew u minflok tqeghdu aktar banketti. Intqal illi wiehed irid janalizza l-kaz minn zewg aspetti u cioe meta wiehed jidhol fil-lok x'inhi l-impressjoni li jiehu tal-lok u x' jigbed lill-klijent sabiex imur f'dak il-lok. Meta wiehed jaccessa l-post dan mill-ewwel jigi attratt mill-bar, u tidhol minn fejn tidhol fil-lok huwa l-bar li l-ewwel jigbidlek l-attenzjoni. It-tul tal-bar huwa fil-fatt indikazzjoni ta' l-importanza li dan ghandu fil-lok. Il-facilitajiet li joffri l-bar ukoll huma importanti. Ukoll jekk wiehed jiehu biss l-*ice buckets* wiehed jirrealizza li dawn huma hemm sabiex wiehed jista jagmel aktar spazju fil-bar, filwaqt li n-nies l-ohra qed jigu akkomodati band'ohra. Ghaldaqstant l-appellant ikkontesta li l-banketti ma kienux hemm. L-appellant isostni li l-musika hija accessorju u dan jidher mill-fatt illi d-DJ's huwa fuq *roster,* u l-promozzjoni tal-*wine bar* in kwistjoni ma ssirx abbazi tad-DJ's li ser ikun hemm prezenti, bhal ma ssir fil-kaz ta' promozzjoni ta' diskoteka, izda issir abbazi ta' TV screen barra l-bar. Il-promozzjoni taz-zewg postijiet ghaldaqstant ukoll hija differenti. Fost il-facilitajiet li joffri l-bar, hemm ukoll il-varji tazzez u ghamliet ta' dawn illi kollha huma indikazjoni li l-iskop primarju ta' l-istabbiliment huwa fil-fatt dak ta' bar. Ukoll kienu kien hemm problema bil-*purple room,* din tant tokkupa parti zghira mill-kumplament tal-post illi wiehed ma jistax jghid illi din il-kamra tbiddel in-natura tal-kumplament ta' l-istabbiliment ghal dak ta' diskoteka. Fl-ahharnett l-appellant ukoll jaghmel riferenza ghall-fattur ekonomiku u cioe i-fatt illi l-introjtu ta' l-istabbiliment mhuwiex minn mizati ta' entratura, izda huwa mill-bejgh tax-xorb, u dan jinghad filwaqt li ssir riferenza ghall-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu fejn intqal illi billi l-introjtu kien gej kollu mill-bejgh tax-xorb, l-iskop primarju kien dak ta' bar. L-appellant jghid illi mhix bizzejjed il-fatt li wiehed idoqq il-musika sabiex lok isir diskoteka. Sabiex post huwa primarjament *disco*

wiehed ghandu jara jekk fil-fatt il-post huwiex intenzjonat ghall-izfin. Il-problema f'dan il-kaz ma kienitx bid-*DJ stands* izda kienet biss fir-rigward tal-*purple room*. Izda l-avviz ta' l-infurzar hareg fir-rigward tal-post kollu u ghaldaqstant l-uzu li sar mill-*purple room* ghandu jidher fil-kuntest tal-lok kollu.

L-Awtorita da parti taghha tghid illi l-imsemmija decizjoni hija soggetta ghall-appell, u ghaldaqstant dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn dan il-Bord. Jghid illi l-fatt illi hemm tlitt *DJ stands* u li dawn idoqqu muzika differenti huwa fattur importanti, dan ghaliex id-daqq tal-muzika hija intiza sabiex tigbed nies differenti kif fil-fatt kien irrizulta mx-xhieda tas-Sur Zammit. Dan ghandu wkoll jigi kkonsidrat meta wiehed iqis l-uzu ta-dawl li jsir fl-istabbiliment. L-uzu tas-siggijiet u il-banketti huwa minimu hafna u mhuwiex dak li wiehed jippretendi li ghandu jsib meta jaccessa post bhal dan. Fil-fatt malli zdiedu l-banketti fil-*purple room*, din mill-ewwel hadet xejra ta' bar milli ta' diskoteka.

Skond l-analisi maghmula minn dan il-Bord, jidher li l-ligi ma tamplifikax fid-definizzjonijiet li taghti ta' "bar" u "diskoteka". Jidher li d-differenza bejn it-tnejn tinsab fl-iskop primarju taghhom fejn f'bar, l-iskop primarju huwa l-bejgh ta' xorb, filwaqt illi f'diskoteca, l-iskop primarju huwa dak li jipprovdi facilitajiet ghaz-zfin. Jidher ukoll illi huwa mistenni illi f'bar ikun hemm facilitajiet sabiex wiehed joqghod bil-qeghda.

Filwaqt illi d-definizzjoni ta' diskoteka tinkludi wkoll id-daqq ta' musika amplifikata, huwa wkoll possibbli illi bar jinghata licenzja sabiex tindaqq din il-musika u ghaldaqstant id-daqq ta' musika amplifikata ma jidhirx li huwa kriterju sabiex wiehed jiddetermina lok jikkwalifikax bhala "bar" jew "discoteka".

Anzi wiehed jifhem, mill-fatt li bar jista' jkollu licenzja ghall-musika amplifikata, illi huwa mistenni u accettat illi bar ikollu facilitajiet ta' musika b'dak kollu li hemm bzonn, inkluz is-servizz ta' DJ, sabiex tindaqq din it-tip ta' musika.

Dan il-Bord anqas ma jaqbel illi l-fatt li jiddetermina l-iskop primarju ghandu jigi marbut ma' l-introjtu tal-post in kwistjoni. Il-Bord huwa tal-fehma illi jista' jkun hawn diskoteki li ma jkollhomx *entrance fees* u dan il-fatt wahdu ma jirrendix lil dik id-diskoteca, bar. Dan il-Bord huwa tal-fehma li kriterju sabiex wiehed jiddetermina l-iskop primarju ta' lok huwa ben altru. Filwaqt illi l-introjtu principali ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, dan ghandu jkun biss fattur wiehed fost ohrajn.

Dan il-Bord huwa tal-fehma illi l-iskop primarju ta' stabbiliment ghandu jigi determinat minn diversi fatturi, fosthom:-

i. il-fattur li jkun qed jigi l-aktar enfasizzat mill-lok stess, sabiex jigbed lill-klijenti;
ii. x' l-aktar jigbed in-nies sabiex jiffrekwentaw stabbiliment, u l-ambjent li dan joffri;
iii. il-facilitajiet offruti minn dak l-istabbiliment.

Mill-provi jidher illi l-*Plush Wine Bar* huwa primarjament attrezzat bhala bar u dan jirrizulta mix-xiehda ta'l-Avukat Giglio u dik tas-Sur Joseph Zammit, kif ukoll mill-access li sar fuq il-post. Waqt l-access li sar fuq il-post dan il-Bord seta' jikkonstata l-posizzjoni tal-bar li fil-fatt jista jigi accessat minn kull entratura li hemm fil-bar, il-facilitajiet li jipprovdi dan l-istess bar inkluz il-kwantita ta' xorb li hemm ghall-bejgh u l-facilitajiet ta' tazzez, *ice buckets* ecc, kif ukoll il-tqassim li hemm fil-bar sabiex jiffacilita u jhaffef il-bejgh tad-drinks mal-bar, bhal ma huma per ezempju *ice wells*, *drink rails* ecc. Il-Bord ukoll ghamel access f'dik l-imsemmija *Purple Room* fejn l-istess principji tal-bar li hemm fil-kumplament tal-post joperaw. Il-menu li gie pprovdut ghall-istess spezzjoni ta' dan il-Bord ukoll kien fih biss affarijiet ta' xorb u kien hemm xelta kbira minn xiex jiehed seta' jaghzel.

Waqt l-access, dan il-Bord ukoll ha nota tal-facilitajiet li hemm li jistghu b'xi mod jew iehor ikunu indikazzjoni li l-lok qed jintuza primarjament bhala diskoteka u mhix bar. Fil-lok fil-fatt hemm tlitt *DJ stands* u b'kollox jidher li hemm xi 14 il-*speaker* madwar il-post. Id-dwal li normalment wiehed jara f'diskoteka kienu ghal kollox neqsien, hlief ghall-*mirror ball* wahda fil-*Purple Room* u xi ftit *flashing lights* ohrajn fil-kumplament tal-bar. B'kollox jidher li hemm xi tlitt televizjonijiet gewwa fil-bar. Izda mill-provi, kif ukoll mill-access, minn imkien ma rrizulta li kien hemm xi tip ta' *dance floor* organizzata sew li setghet tigbed u thajjar lin-nies li jiffrekwenta il-*Plush Wine Bar* propju minhabba l-ambjent ta' diskoteka. Jekk wiehed ghall-mument jinsa l-*Purple Room*, il-kumplament tal-bar mhuwiex tant konducenti ghall-diskoteka, peress illi huwa dejjaq u n-nies il-hin kollu dehlin u hergin fl-istess kuritur. Il-*purple room* forsi fiha ftit aktar spazju izda l-faciltajiet li hemm provduti ukoll ma jidhirx illi huma tali li jhajjru lil dak li jkun li jmur hemm sabiex jizfen.

Apparti minn hekk irrizulta mix-xhieda u mit-trattazzjoni tal-partijiet, illi l-kontestazzjoni ta' l-Awtorita kienet dwar in-nuqqas ta' banketti li fil-fatt kien hemm f'din il-kamra li jidher li issa tali mankanza giet irrimedjata ghas-sodifazzjon ta' l-Awtorita. Minkejja dan il-Bord ihoss illi n-numru ta' banketti jew siggijiet m'ghandux ikun l-uniku kriterju sabiex wiehed jiddetermina jekk stabbiliment huwiex qieghed jopera bhala bar jew diskoteka, u l-mankanza ta' dawn il-facilitajiet m'ghadhiex fiha nnifisha tirrizulta li bar m'ghadux bar, skond l-istess definizzjoni li wiehed isib fil-ligi.

Peress illi l-post igawdi minn licenzja wahda, il-purple room trid tigi kkonsidrata fl-ambitu ta' din il-licenzja. Il-post okkupat minnha huwa proporzjon zghir tal-kumplament ta' l-istabbiliment, li ukoll kienu wiehed jikkonsidra li din kellha bhala skop primarju dik ta' distoteka, wehidha ma setghet qatt tirrendi l-lok kollu diskoteka, tenut kont li l-bicca l-kbira ta' l-istabbiliment jintuza bhala bar.

Mill-provi wkoll irrizulta li l-bar attrezzat b'facilitajiet ta' musika inkluz tlitt *DJ stands.* Din fiha nnifsa kif intqal hawn fuq, hija mistennija peress li dan l-istess bar, apparti licenzja ta' bar, ghandu wkoll licenzja sabiex idoqq musika amplifikata. Mix-xhieda rrizulta wkoll li jkun hemm tlitt *DJ's* idoqqu gewwa l-bar, u li dawn it-tlieta kollha jdoqqu musika differenti. Irrizulta wkoll illi t-tip ta' musika li tindaqq jiddependi hafna minn nies li hemm prezenti kif ukoll tvarja sabiex tista tigbed etajiet differenti. Wiehed jinnota minn din ix-xhieda illi huwa minnu li l-musika qeghda tintuza b'mod ghaqli sabiex tigbeb in-nies jigu fl-istabbiliment u darba hemm, thajjarhom jibqghu hemm. Huwa minnu li din lis-strategija tista' tigbed ammont ta' nies li jigu l-*Plush Wine Bar* sabiex jizfnu, izda dan l-ammont ma jistghax ikun kbir, ghaliex id-daqq ta' musika wehidha ma tammontax ghall-diskoteka, u dan il-Bord jifhem illi minn verament jixtieq imur diskoteka ser imur f'post fejn hemm hafna aktar facilitajiet ta' diskoteka offruti barra musika tajba.

Il-Bord fl-ahharnett ukoll ikkonsidra l-provi li ngabu quddiemu rigward il-promozzjoni tal-lok meta dan komparat ma' lok iehor ta' l-istess operaturi li huwa fil-fatt diskoteka. Jidher minn *screen kbir* li hemm barra l-lok illi dan il-bar jippromwovi lilu nnifsu tramite dan l-*iscreen* man-nes li jkunu ghaddejjin minn quddiemu. Is-Sur Zammit xehed illi fuq l-*iscreen* jigu msemmija l-offerti fuq xorb li jkun hemm ghall-gurnata. Is-Sur Zammit ukoll xehed dwar il-promozzjoni differenti li huwa jaghmlu fir-rigward taz-zewg stabilimenti u kif wiehed jghamlu emfazi fuq ix-xorb fir-rigward tal-Plush *Wine Bar* u enfazi fuq id-DJ's fir-rigward ta' l-istabbiliment l-iehor. Dan gie ppruvat ukoll tramite *handouts* li gew ipprezentati lil dan il-Bord u li jintuzaw ghall-promozzjoni.

Ghalkemm dan il-Bord jemmen lix-xhieda prodotti mill-Awtorita li meta saret l-ispezzjoni minnhom sabu numru kbir ta' nies jizfnu minghajr ma sabu ebda siggu jew mwejjed fil-lok, il-Bord ihoss illi din is-sitwazzjoni hija b' konsegwenza ta' nies li originarjament jkunu marru fil-bar sabiex jixorbu, u mhix li originarjament marru ghaliex xtaqu jizfnu. Ovvjament la darba jsibu muzika tajba u atmosfera ferriehija dawn aktar ser jiddevertu, u presumibbilment aktar jattirahom il-post.

Ghaldaqstant dan il-Bord ma jhoss li hemm ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja mahruga mill-Awtorita, peress illi

ma jhoss li gew ipprovduti facilitajiet ghaz-zfin bhala skop primarju, meta dan kien biss licenzjat jopera bhala bar. L-anqas ghaldaqstant ma jsib ksur tar-regolament 12(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 ta' l-2002.

Il-Bord ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jilqa l-istess u jhassar l-Ordni ta' l-Infurzar tal-21 ta' Marzu 2011 mahruga mill-Awtorita fil-konfront ta' l-appellant.

Av. Lorraine Conti

Chairperson

Perit Elizabeth Ellul

Membru

Is-Sinjur Raymond Farrugia

Membru

Is-Sinjur Julian Zarb

Segretarju